# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001.**

**Numru 8**

**Citaz. numru 165/92 GCD**

**Lino Debono**

**vs**

**Saviour Balzan**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-23 ta' Jannar 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza ta' libell maghmula mill-attur kontra l-konvenut.

> "Din il-kawza hija dwar libell famuz.
>
> L-attur ifisser illi waqt xandira fuq it-*television* fit-3 ta' Frar 1992, il-konvenut ghamillu malafama bil-kliem "lest tikkundanna … … … lil Lino Debono, Deputat Ghawdxi, li hiereg u li kien famuz ghas-swat?", u bi kliem iehor fl-istess xandira. Din il-malafama, jghid l-attur, taghtih dritt ghad-danni taht il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk fetah din il-kawza u qieghed jitlob li l-Qorti tghid li partijiet mix-xandira fuq imsemmija, u l-kliem li qal il-konvenut

dwaru, jaghtuh malafama u ingurja, u tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tghid il-Qorti taht l-art. 28 tal-Kap. 248, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet :-

1. Qabel xejn, dak li qal hu dwar l-attur huwa privileggjat taht il-ligi ta' l-istampa, u ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju ; u

2. Bla hsara ghall-ewwel eccezzjoni, hu lest juri li dak li qal huwa minnu fiz-zmien li l-attur kien Membru tal-Parlament u kandidat tal-Partit Laburista.

Fid-dikjarazzjoni mahlufa minnu, l-konvenut kompla jfisser li "l-attur kien involut fi swat ta' haddiem fil-post tax-xoghol, anzi f'senetnza jinghad ukoll li l-attur kien kompartecipi f'dan is-swat u f'rapporti foloz li saru mill-Kummissarju tal-Pulizija."

L-ewwel eccezzjoni kienet michuda b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 1994, u ghalhekk fadal li nqisu t-tieni eccezzjoni, dik tal-"verita' tal-fatti".

Din l-eccezzjoni, wkoll f'kawza civili ghad-danni, bhal ma hi din, hija regolata bl-art. 12 tal-Kap. 248. Ghalhekk meta jressaq din l-eccezzjoni l-konvenut qieghed "jiehu r-responsabbilita' kollha ta' malafama" u qieghed jiehu fuq l-oneru li juri li l-fatti attribwiti minnu lill-attur huma veri. Kull ma trid taghmel il-Qorti mela hu li tara jekk l-allegazzjonijiet tal-konvenut humiex veri jew le.

Il-kliem li dwarhom qieghed jilmenta l-attur huma dawn :-

Lest li tikkundanna lil dawk l-affarijiet li kienu hziena, per ezempju lest li tikkundanna lil Lino Debono (hawn jissemma wkoll hadd iehor) zewg Deputati Ghawdxin li hiergin u kienu famuzi : Lino Debono ghas-swat … … ….?

L-allegazzjoni mela hi li l-konvenut hu "famuz ghas-swat".

Bhala xhieda li tassew l-attur hu "famuz ghas-swat" il-konvenut semma dawn is-sentenzi.

- Sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna (Magistrat Dr. Dennis Montebello) fl-20 ta' Gunju 1986 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut versus George Debattista**; u

- Sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna (Magistrat Dr. Michael Mallia) fis-17 ta' Novembru 1988 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anthony Borg) versus George Xuereb**;

- Sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Frar 1990 fil-kawza fl-ismijiet **L-Onorevoli Lino Debono versus Magistrat Dottor Michael Mallia**.

L-attur kien parti biss fil-kawza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ; ma kienx parti fil-kawzi l-ohra, u ghalhekk is-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ma jistghux jitqiesu bhala xhieda kontra tieghu. Il-Qorti sejra ghalhekk tara biss jekk, mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, johrogx li dak li allega l-konvenut dwar l-attur, i.e. li l-attur hu "famuz ghas-swat", huwiex minnu jew le.

L-imsemmija sentenza ma tidhol xejn fil-meritu jekk l-attur huwiex jew le "famuz ghas-swat"; titratta biss dwar kwistjoni procedurali jekk gudikant jistax ikun imgieghel iwiegeb f'Qorti ghal dak li jkun qal fis-sentenzi jew provvedimenti moghtija minnu fil-Qorti tieghu.

Il-konvenut ma ressaqx aktar xhieda. Ghalhekk il-konvenut ma ressaq ebda xhieda biex juri l-verita' ta' l-allegazzjonijiet tieghu, u l-eccezzjoni tieghu ma tistax tintlaqa'.

Billi, min-natura stess ta' l-eccezzjoni mressqa minnu, l-konvenut ga' accetta r-responsabbilita' ghall-malafama, fadal biss li l-Qorti tillikwida d-danni. Wara li qieset in-natura ta' l-allegazzjoni, li tghid li l-attur igib ruhu ta' sikwit b'mod li jikser il-Kodici Kriminali, u li, anzi, huwa "famuz" ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li kumpens xieraq ghall-malafama jkun billi l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500).

Il-Qorti ghalhekk, wara li tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur billi tghid li l-konvenut ta malafama lill-attur fix-xandira li minnha sar ilment, u tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur hames mitt lira (Lm500) bhala kumpens ghall-malafama.

L-ispejjez gudizzjarji jhallashom il-konvenut."

**<u>L-AGGRAVJU</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza ghax hassu aggravat li l-ewwel Qorti m'ghamlitx l-apprezzament tajjeb tal-fatti kif kienu maghrufa lill-appellant fil-mument tal-addebitu maghmula mill-appellant fix-xandira in kwistjoni. L-appellat dak iz-zmien, kien persuna pubblika li kien qieghed jikkontesta elezzjonijiet politici li kellhom isiru fi zmien qasir.

L-appellant jissottometti illi huwa ma fehemx kif l-ewwel Qorti ma apprezzatx l-import tas-sentenzi tal-Qorti t'Ghawdex li ghalihom ghamel riferenza waqt it-trattazzjoni u li taghhom ezebixxa kopja in atti. Hu jissottometti illi mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Debattista" tal-20 ta' Gunju 1986, kellu jirrizulta li l-Qorti kienet univokament stabbilit li certu George Debattista kien il-vittma ta' rejat li fih kienu ppartecipaw zewg deputati fil-Parlament li wiehed minnhom kien l-attur appellat.

Fis-sentenza l-ohra tal-Magistrat b'Michael Mallia li kien qed jippresjedi l-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna moghtija fis-17 ta' Novembru 1998, l-Qorti kienet irreferiet b'approvazzjoni ghal dak li kien gie kkostatat fis-sentenza l-ohra appena citata, b'enfazi partikolari fuq il-fatt illi Debattista kien vittma ta' rejat serjissimu "f'liema rejat hadu sehem zewg persuni li huma deputati tal-poplu u in segwitu ghamlu rapport falz lill-Pulizija."

L-appellant isostni allura illi meta ghamel riferenza ghall-incident ta' aggressjoni li kien involut fih l-appellat, hu kellu l-konfort ta' zewg

enunjazzjonijiet gudizzjarji li ma kellux ghalfejn jiddubita mill-veracita' taghhom. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghatx tasal ghall-konkluzjoni li dak li qal l-appellant dakinhar ma kienx sostanzjalment veru. L-appellant jaghmel riferenza ghal Gatley on Libel and Slander (8th Edition para 1394 u 1399 fejn jaghmel zewg osservazzjonijiet fil-fehma tieghu relevanti ghall-meritu taht ezami.

1. "Where the libel is stated as a general conclusion founded on certain discreditable incidents in the public life of the plaintiff, the defendant need not proof that all the separate incidents are true in order to estabilish a plea of justification" ; u

2. "The fact that the plaintiff has been acquitted of an offence does not preclude the defendant from setting up the plea of justification".

L-appellant finalment insista li jipproduci quddiem din il-Qorti x-xhud George Debattista illi seta' jikkonforta t-tezi tieghu liema talba hu kien diga' ghamel quddiem l-ewwel Qorti imma giet, ghar-ragunijiet procedurali michuda. Dan l-ahhar aggravju gie trattat minn din il-Qorti. B'sentenza tas-6 ta' Dicembru 1999 gie deciz illi din il-Qorti dehrilha li ma kellhiex terzercita d-diskrezzjoni lilha moghtija mis-sub-inciz (d) tal-artikolu 208 tal-Kap 12 fir-rigward ta' produzzjoni ta' xhieda godda fi stadju ta' appell u ghalhekk cahdet it-talba tal-appellant ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud.

Jibqa' x'jigi deciz allura l-mertu. Essenzjalment li jrid jigi deciz huwa t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, dik cioe' li huwa kien lest li jipprova fis-sostanza l-verita' tal-fatti in kwantu, kif jafferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, l-attur appellant kien involut fi swat ta' haddiem fil-post tax-xoghol u kien hemm anke sentenzi li fihom jinghad illi kien kompartacepi dak is-swat kif ukoll f'rapporti foloz li saru lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-qofol tas-sentenza appellata hu l-konvinciment ta' l-ewwel Qorti illi l-konvenut ma irnexxielux adegwatament jipprova l-verita' tal-fatti u konsegwentement ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tal-prova illi eccezzjoni ta' dik ix-xorta kienet timponi fuqu. Certament konsidrat il-fatt illi l-attur kellu allura z-zmien relevanti jitqies li kien persuna pubblika kienu mhux biss lecitu illi jkun il-mira ta' kritika anke harxa u skomda mill-avversarji politici tieghu u mill-istampa imma wkoll, kif hu ormai risaput, il-latitudni ta' tali kritika u l-margini ta' tolleranza kienu fil-konfront tieghu ferm akbar minn dak accettat li tali kritika tkun meta immirata lejn persuna li ma tkunx notorjament pubblika.

Dan kollu pero' bl-ebda mod ma jissarraf f'licenzja da parti ta' min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunx sostanzjalment veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabbilita', jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verita' tal-fatt ma setghatx allura tkun incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma

tohloq xejn hlief innuendo u dubbju. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tafferma illi l-komportament ta' membru parlamentari, specjalment meta dan ikun allegatament wiehed abbuziv u leziv ta' drittijiet ta' terzi kien materja ta' interess pubbliku li dwaru kien gustifikat kwalunkwe xorta ta' kumment sakemm il-fatt fih innifsu jkun jirrizulta. Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-addebitu li minnu jilmenta l-attur kien effettivament imputalu l-kommissjoni ta' reat li f'certament hu dak ta' vjolenza pubblika u swat. Addebitu ta' din ix-xorta filwaqt li indubbjament kien jiggustifika kummenti kritici mill-aktar iebsin kien jimponi fuq min jghidom qabel xejn pero' mhux biss il-verifika tal-fatt imma wkoll il-prova tieghu lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

L-imputazzjoni tal-kommissjoni ta' reat hi kjarament aggravanti jekk il-fatt ma jirrizultax provat mhux lanqas fejn il-persuna li lejha tkun diretta tkun persuna pubblika u aktar u aktar fejn, bhal fil-kaz taht ezami, tkun qed tistieden il-fiducja tal-elettorat fl-elezzjonijiet generali. "In Grey vs Jones, Atkinson J. after review of the relevant authorities decided that words impunting a criminal offence are actionable on the ground that the charge is of such a character as to be likely to cause other persons to shun the person defamed and to esclude him from society rather than on the ground that they put him in jeopardy of a criminal prosecution" (Gatley on Libel and Slander citat mill-appellant fir-rikors tal-appell page 154 et sec).

L-istess awtur irraviza s-segwenti kondizzjonijiet biex l-eccezzjoni tal-'fair comment' tkun tista' tigi sostnuta :-

(a) "It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of ;

(b) The facts must be sufficiently true to make the comment fair ;

(c) If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives or perhaps any inference of fact the comment must be shown to be justifiable ;

(d) The comment be such as fairly to be described as criticism.

(e) The comment must represent the honest opinion of the commentator and he published without malice" (ara page 707 et sec).

L-ewwel Qorti rriteniet u din il-Qorti ttendi biex taqbel maghha illi l-konvenut naqas illi jipprova illi l-fatti li dwarhom ikkummenta kienu sostanzjalment veri. "In order to give room for the plea of fair comment, the facts must be truly stated. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the founation of the plea fails". Issa fil-kaz taht ezami l-fatt uniku, addebitat lill-attur kien li hu "kien famuz ghas-swat". Fil-verita' l-imputazzjoni ta' fatt ma kienitx semplicement illi l-attur kien involut f'xi incident ta' swat izolat imma illi hu kien famuz jigifieri notorju ghas-swat u cioe' ghall-atteggjament u agir vjolenti. Issa

l-aktar li jista' jasal biex jghid ipprova il-konvenut kien illi l-attur kien b'xi mod involut f'incident wiehed li fih hu allegat li ppartecipa b'aggressjoni kontra certu George Debattista b'indizju ta' prova indiretta u kontestat mill-istess attur bhala inkonklusiv u inveritier. Hu infatti pproduca sensiela ta' xhieda biex jipprova l-kondotta ezemplari tieghu.

Issa din il-Qorti ma teskludix li dak l-indizju ta' prova bazat kif inhu fuq l-opinjoni konsidrata ta' gudikant li nvestiga incident li fih Debattista safa' aggredit, kien jiggustifika l-konkluzjoni illi l-attur kien effettivament involut f'dak l-incident, anke jekk kien gust li wiehed jikkonsidra illi l-attur la kien kompartecipi f'dak il-process, lanqas kellu l-opportunita' illi jiddefendi l-komportament allegatament abbuziv tieghu. Imma anke dato e non concesso li dan hu minnu, dan ma kienx b'daqshekk jirrendi lill-attur famuz ghas-swat. F'dan ir-rigward l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti tal-import tal-kontenut tas-sentenzi li fuqhom l-attur kellu necessarjament jistrieh, in mankanza tal-prova diretta tal-istess Debattista, jidher li kien wiehed korrett u gust. Inoltre din il-Qorti ta' revizzjoni ma jidhrilhiex li kellha tiddisturba tali apprezzament. Fl-ahhar mill-ahhar dan hu r-rizultat tal-evalwazzjoni tal-provi prodotti fuq materja eminentement ta' fatt. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas tal-konvenut li jipproduci bhala xhieda nies li kienu attwalment involuti f'incidenti li fihom l-attur allegatament ippartecipa dghajjef it-tezi tieghu notevolment sal-punt li ppregudika l-eccezzjoni tal-prova tal-verita' tal-fatti li huwa avanza. Is-sentenza appellata timmerita allura li tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mg